MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2006

Appell Kriminali Numru. 167/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Harold Attard**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Harold Attard talli fl-24 ta’ Awissu 2004 u fil-granet ta’ qabel mexxa jew opera attivita` turistika, Belt is-Sebh Canteen, f’Belt is-Sebh, Floriana, minghajr ma kellu licenzja mill-Awtorita` dwar Servizzi ta’ l-Ivvjaggar u tat-Turizmu ghal Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta’ April 2006 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Harold Attard hati ta'

l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' hamsa u ghoxrin liri Maltin (Lm25);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fl-10 ta' Mejju 2006, li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma u timmodifika s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn iddikjarat us abet htija fl-imsemmi Harold Attard skond l-imputazzjoni migjuba kontrieh, thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn, bl-applikazzjoni tal-artikolu 43(1)(a) tal-Kapitolu 409, ikkundannatu ghal Lm25 multa u, minflok, tinfliggi l-piena skond il-ligi b'mod li tal-inqas tigi nflitta l-piena pekunjarja minima ta' Lm500;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi ghas-seduta ta' l-20 ta' Settembru 2006 l-appellat, debitament notifikat u msejjah, baqa' ma deherx;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensur ta' l-appellant;

Ikkunsidrat:

Dan huwa appell ta' l-Avukat Generali mill-piena nflitta mill-ewwel Qorti. L-aggravju jikkonsisti fil-fatt li, skond l-Avukat Generali, l-ewwel Qorti nfliggiet piena pekunjarja ferm taht il-minimu tal-piena preskritta mil-ligi.

Issa, l-appellat gie akkuzat bi ksur ta' l-artikolu 43(1)(a) ta' l-Att dwar Servizzi ta' l-Ivvjaggar u tat-Turizmu ghal Malta (Kap. 409 tal-Ligijiet ta' Malta) li jiddisponi li kull min imexxi xi attivita` turistika minghajr ma jkollu licenzja, ikun hati ta' reat. Ghal tali reat, il-piena stabbilita hija dik ta' **"multa ta' mhux anqas minn hames mitt lira u mhux aktar minn ghaxart elef lira"**. Is-subartikolu (3) ta' l-imsemmi artikolu 43 imbaghad jeskludi l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Probation dwar reati msemmijin fis-subartikolu (1) izda ma jeskludix l-applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta). Ciononostante, skond l-imsemmi artikolu 21, qorti ta' gustizzja kriminali tista' taghti piena anqas mill-minimu stabbilit mil-ligi, **"ghal ragunijiet**

**specjali u straordinarji li ghandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza”**. Fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti la rreferiet ghall-imsemmi artikolu 21 u lanqas semmiet xi ragunijiet **“specjali u straordinarji”** li minhabba fihom kienet se tapplika piena taht il-minimu.

Ghalhekk, f’dawn ic-cirkostanzi l-appell ta’ l-Avukat Generali jimmerita li jigi milqugh u s-sentenza appellata sejra tigi riformata fis-sens mitlub.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa’ l-appell, tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu ddikjarat lill-appellat hati ta’ l-imputazzjoni dedotta, tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta’ hamsa u ghoxrin liri Maltin (Lm25) u, minflok, tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ hames mitt liri Maltin (Lm500).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------